TAL-PIETA`

MINUTI

Id-disa' Legislatura - SEDUTA Nru. 15

L-Erbgha, 3 ta' Settembru, 2025

Il-Kunsill Lokali ta' Tal-Pieta` ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 11, Il-Pellikan, Triq K. Mifsud, Tal-Pieta` fil-5.00 p.m.

PREZENTI

Kienu prezenti s-Sindku Stefano Savo, il-Vici Sindku Saviour Azzopardi, u l-Kunsillieri, Colin Bowman, Ryan Douglas Tanti, Josef Fitzpatrick u Mark Pisani.

Il-Kunsillier Charles Grech informa li kien indispost u ghalhekk gie skuzat.

TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

1. MINUTI

1.1 Il-minuti tas-Seduta Nru. 14 li saret nhar l-Erbgha, 6 ta' Awwissu, 2025, kienu approvati.

2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

2.1 Il-Kunsillier Charles Grech informa li kien indipost u ghalhekk gie skuzat.

3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

3.1 ***Bye-law dwar it-tlajjar fit-toroq***. Il-Kunsill unanimament approva formalment, l-emendi ghal bye-law eżistenti "Tlajjar fi u madwar Pjazza San Luqa, Pieta` (Kunsill Lokali Pieta`)" Kien hemm qbil unanimu wkoll li taht Ordinament 2, titnehha il-kelma "persistenti". (Appendici A)

3.2 ***Jum il-Lokalita`***. Is-Sindku fakkar li Jum il-Lokalita` kien ser isir is-Sibt, 13 ta' Settembru, filghaxija.

4 KORRISPONDENZA

4.1 Ma kienx hemm korrispondenza x'titressaq.

5 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

5.1 **Blokk D2**: Is-Sindku qal li jehtieg issir manutenzjoni fuq il-bridge ta' Blokk D2. Huwa qal li hu u s Segretarju Ezekuttiv kienu ltaqghu ma' uffiċjali tal-Lands u qablu li ghandhom iġibu perit biex jara x'hemm bżonn isir. Kien hemm ukoll talba biex titnehha l-pot li kienet saret fid-dahla tal-blokk.

5.2 **Minn Pjazza ghal Pjazza**: Is-Sindku informa li l-attivita` Minn Pjazza ghal Pjazza ser issir nhar is-Sibt, 27 ta' Settembru, filghaxija.

5.3 **Tender Playingfield**: Is-Sindku informa li l-process tal-award tat-tender tal-playingfield kien wasal fit-tmiem. Kien hemm disa' offerti u li fl-ahhar waqghu ghal tnejn. Minn dawn it-tnejn, ma ntghazlitx l-irhas offerta minhabba li l-Bord iddeċieda li din l-offerta kienet *abnormally low* u ghalhekk kienet l-offerta ta' Coreworks Ltd li ntghazlet biex taghmel dan ix-xoghol. Bhalissa hemm il-perjodu tal-appell.

5.4 **Manutenzjoni tas-soft areas ta Pjazza Isidor Formosa u Pjazza Madonna ta' Fatima**: Tressqu quddiem il-Kunsill tliet kwotazzjonijiet sabiex issir il manutenzjoni tas-soft areas ta' dawn iz-zewg pjazez. Intghazlu l-irhas zewg kwotazzjonijiet li huma ta' Arlen Dimech bi prezz ta' €120 fix-xahar ghal Pjazza Isidor Formosa u €160 fix-xahar ghal Pjazza Madonna ta' Fatima. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

5.5 **Clean up 25**: Kien hemm qbil li l-Underwater Clean Up issir fis-16 ta' Settembru, Sa Maison filwaqt li l-Land Clean Up issir fid-29 ta' Settembru fi Triq Pietru Xuereb fejn telghu il-blokki l-godda.

5.6 **Torpedo Depot**: Is-Sindku fakkar li Ambjent Malta kienu se jiehdu hsieb it-Torpedo Depot sal-ahhar tas-sena u wara irid jibda jiehu hsiebu l-Kunsill. Ghalhekk kien hemm qbil biex il-Kunsill jibda jahseb dwar il-mod kif dan ser isir bil-probabilita` li jkun hemm il-htiega li tinhareg sejha ghall-offerti.

6 MISTOQSIJIET

6.1 Il-Kunsillier Pisani staqsa jekk kienx ser ikun hemm cctv fil-gnien tat-Torpedo Depot. Is-Sindku wieġeb li fil-progett ma jidhirlux li kien hemm inkluż cctv's imma ssugerixxa li l-Kunsill jista' jaghmel dawn anki minn fondi tad-DPF.

6.2 Il-Vici Sindku staqsa jekk kienx hemm żvilupp dwar il-grif fi Triq Zammit Clapp. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-Pulizija kienu talbu stima tax-xoghol, iżda din baqghet ma waslitx minghand il-kuntrattur ta' IM, anki wara diversi talbiet li saru mill-Kunsill.

6.3 Il-Kunsillier Douglas Tanti ppreżenta l-ittra tar-rizenja tieghu minn Kunsillier f'isem il-Partit Laburista (Appendici B). Huwa qal li se jkun qed ikompli jservi bhala Kunsillier Indipendenti.

7 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

7.1 Is-Sindku ssekondat mill-Vici Sindku, ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 14. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.*

8. TMIEM

8.1 Fis-6.00pm intemmet is-Seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar l-Erbgha, 1 ta' Ottubru, 2025, fil-5.00pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

Konfermati:

Stefano Savo
Sindku